# Mistoqsija u Tweġiba

## dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni Numru 1
Novembru 2000

Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE

# Mistoqsija u Tweġiba dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Ktejjeb ta' informazzjoni miġbur
miċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE bl-aktar mistoqsijiet
komuni li jsiru dwar Malta u l-Unjoni Ewropea.

MALTA - EU
INFORMATION CENTRE

Għal kull Tagħrif

Telefon: 2590 9192
www.mic.org.mt

Dan it-tagħrif jista' jkun riprodott kemm-il darba jingħata għarfien lil dan is-sors.

Edizzjoni Numru 1
Miktub: Novembru 2000
© Malta-EU Information Centre

# F'dan il-ktejjeb tista' taqra dwar...

1. Il-kiri u x-xiri ta' proprjeta
2. Il-leave tal-maternita u tal-ġenituri
3. Sehem fil-gwerer Ewropej
4. In-negozjati
5. L-eta tal-pensjoni
6. Abort
7. Il-ħinijiet tax-xogħol
8. Is-sigurta soċjali
9. Il-kura fi sptarijiet ta' barra
10. Il-punti jaħarqu tan-negozjati

# 1. Il-kiri u x-xiri ta' proprjeta

## Bi sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea se jinbidlu l-liġijiet tal-kera?

## Sħubija fl-Unjoni taffettwa wkoll il-proprjeta f'Malta?

**L-Unjoni Ewropea m'għandha l-ebda liġijiet tal-kera.** Lanqas hemm liġijiet ta' l-UE dwar iċ-ċens jew qbiela. Jiġifieri dan ifisser li sħubija fl-UE ma ġġib l-ebda bidla għal-liġijiet tal-kera, ċens jew qbiela li hawn f'Malta.

## Allura l-Unjoni Ewropea f'hiex tidħol?

L-Unjoni Ewropea tidħol biss f'dawk l-oqsma li jkunu jridu l-istati membri. Matul is-snin żdiedu dawn l-oqsma li fihom l-istati membri jridu lill-UE tidħol fihom. Fost dawn l-oqsma nsibu dak tat-trasport, il-kummerċ u l-ambjent. Iżda normalment l-UE ma tidħolx f'oqsma li huma purament nazzjonali jew lokali.

Fil-każ tal-proprjeta, **l-UE tidħol biss biex tassigura li ċ-ċittadin Ewropej ma jkunux diskriminati f'pajjiżi oħra membri fl-istess Unjoni.** Per eżempju, iċ-ċittadini ta' l-UE għandhom id-dritt li jixtru proprjeta fi kwalunkwe pajjiż ieħor li huwa membru fl-Unjoni. Iċ-ċittadini Ewropej għandhom ukoll id-dritt li jitrasferixxu l-flus tagħhom bil-liberta kollha minn pajjiżhom għal pajjiż ieħor fl-Unjoni biex ikunu jistgħu jixtru jew jikru proprjeta. Kull miżura li timblokka jew tirrestrinġi din il-liberta li tinxtara l-proprjeta titqies bħala diskriminazzjoni. Dan ikun ifisser li din ir-restrizzjoni titqies bħala illegali.

## Fil-każ ta' Malta dan se jkun ifisser li jiġu hawnhekk ċittadini mill-Unjoni Ewropea u jixtru proprjeta kemm iridu u kif iridu?

Fil-każ ta' Malta din il-kwistjoni diġa kienet innotata mill-Gvern Malti bħala li għandha tkun negozjata ma' l-Unjoni Ewropea. Kif nafu, Malta għandha art limitata ħafna u l-popolazzjoni ta' gżiritna diġa hija ogħla minn kemm tiflaħ il-gżira.

Il-Gvern Malti diġa qal pubblikament li huwa **se jinnegozja ma' l-UE** dwar din il-materja biex jipprova jikseb arranġamenti speċjali li jkunu jaqblu u li jagħtu kas iċ-ċokon ta' pajjiżna. Għal dan irridu nistennew x'riżultat se jinkiseb fin-negozjati dwar dan il-punt.



# 2. Il-leave tal-maternita u tal-ġenituri

## Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kif se taffettwa l-leave tal-maternita?

Skond il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, in-nisa li jaħdmu għandhom dritt li jingħataw 14-il ġimgħa leave tal-maternita meta jiġu biex iwelldu tarbija. Dan ifisser li, **Malta bħala membru ta' l-UE, ikollha żżid il-leave tal-maternita minn 13-il ġimgħa kif qiegħed bħalissa għal 14-il ġimgħa kif titlob il-liġi ta' l-UE.**

## Hemm xi liġijiet oħra li jħarsu lill-ommijiet ħaddiema?

Iva. ħemm liġi speċjali fl-Unjoni Ewropea li taħseb biex tipproteġi s-saħħa u s-sigurta tan-nisa tqal u ta' dawk il-ħaddiema nisa li jkunu għadhom kemm welldu tarbija jew qed ireddgħu lit-tfal. Din il-liġi telenka l-livelli minimi garantiti għall-ħarsien ta' dawn l-ommijiet ħaddiema.

## Il-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea huma obbligati li jdaħħlu din il-liġi dwar il-ħarsien ta' ommijiet ħaddiema?

Iva. Il-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea jistgħu wkoll jagħżlu li jżidu mal-livelli minimi li titlob l-UE. Stati membri huma wkoll ħielsa li jiddeċiedu dwar kif idaħħlu fil-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom il-ħarsien li ssemmi l-UE għal ommijiet ħaddiema. Dan ifisser li jiddependi mill-pajjiż partikolari jekk, per eżempju, il-leave tal-maternita jkunx bi ħlas sħiħ jew le.

Huwa għalhekk li għad ħemm differenzi kbar bejn pajjiż u ieħor fl-UE dwar dan il-qasam. Per eżempju, il-leave tal-maternita jvarja minn 14-il ġimgħa fir-Renju Unit għal 28 ġimgħa fid-Danimarka. Il-ħlas matul il-leave tal-maternita ukoll ivarja minn paga sħiħa fl-Olanda u l-Awstrija għal ħlas inqas fi stati membri oħra ta' l-UE.

## Kif inhi s-sitwazzjoni f'Malta?

Ftit tas-snin ilu, Malta daħħlet avviż legali li biħ ġabet il-qagħda fil-pajjiż konformi ma' dak li titlob l-Unjoni Ewropea. Iżda dan l-avviż legali f'Malta xorta ma żiedx il-leave għall-maternita biex ikun 14-il ġimgħa bħal kif qiegħed fl-UE. Dan issa sar u jkun fis-seħħ fl-2001 meta l-leave tal-maternita f'Malta jitla' minn 13 għal 14-il ġimgħa. Madankollu l-ġimgħa żejda se tkun leave bla ħlas. Għalkemm il-unions tal-ħaddiema aktarx li jilqgħu dan il-leave għal ħaddiema li jsiru ommijiet, iż-żieda ta' ġimgħa oħra mal-leave tal-maternita f'Malta tinkwieta xi ftit lil xi sidien li jħaddmu l-ħaddiema.

## L-Unjoni Ewropea kif tipproteġi lill-ħaddiema nisa li jkunu qed jistennew tarbija?

Barra li ttihom id-dritt għal 14-il ġimgħa leave tal-maternita, il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea taħseb biex tipproteġi lil ħaddiema nisa tqal milli jkunu esposti għal ċerti riskji għas-saħħa tagħhom fuq il-post tax-xogħol. F'dawn il-każi min iħaddem għandu jara li jneħħi r-riskju jew inkella jagħti xogħol differenti lill-ħaddiema li tkun qed tistenna tarbija. Nisa tqal jistgħu wkoll jieħdu time-off mix-xogħol biex imorru jagħmlu testijiet mediċi ta' qabel it-twelid mingħajr ma jitilfu mill-paga f'dawk il-każi li dawn it-testijiet isiru biss fil-ħin tax-xogħol.

Il-ħaddiema li jkunu għadhom kemm welldu tarbija jistgħu jekk iridu ma jaħdmux f'xifts ta' matul il-lejl jekk kemm-il darba dan ikun ta' riskju għal saħħithom.

## Xi tgħid l-Unjoni Ewropea dwar il-parental leave?

Dwar il-parental leave, l-Unjoni Ewropea wkoll għandha liġi, li għal darb'oħra, telenka l-livelli minimi. L-iskop ta' din il-liġi huwa li tipprova tgħaqqad ix-xogħol mal-ħajja tal-familja kif ukoll li tmexxi 'l quddiem opportunitajiet indaqs bejn irġiel u nisa. **Sew il-missier sew l-omm jistgħu jieħdu time-off mix-xogħol għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb tat-tarbija.**

## U kif taħsibha l-Unjoni Ewropea dwar il-parental leave?

Il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea tħalliha f'idejn il-pajjiżi membri biex jiddeċiedu huma l-kundizzjonijiet li taħthom jingħata l-parental leave. Dan ifisser li kwistjonijiet bħal per eżempju x'tip ta' ħlas għandu jingħata waqt il-parental leave jiddeċidiha l-gvern tal-pajjiż. Anki dwar liema każijiet ikunu jimmeritaw li l-parental leave ikun pospost minn min iħaddem, jiddeċiedi l-gvern nazzjonali u mhux l-Unjoni Ewropea. Dan allura jfisser li l-mod kif jingħata l-parental leave fl-UE jvarja minn pajjiż membru għal ieħor.

## F'Malta jingħata l-parental leave?

Iva. F'Malta jingħata l-parental leave. Imma għalissa dan id-dritt ingħata biss lill-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku. Hekk kif issir membru ta' l-Unjoni Ewropea, Malta jkollha testendi l-parental leave anki għall-ħaddiema fis-settur privat. Jiġifieri s-sidien privati li jħaddmu jkollhom jagħtu huma wkoll il-parental leave lill-ħaddiema tagħhom.



# 3. Sehem fil-gwerer Ewropej

## Bħala membru fl-Unjoni Ewropea, Malta tkun obbligata li tieħu sehem f'qawwa Ewropea għaż-żamma tal-paċi? Fi kliem ieħor, suldati Maltin ikollhom imorru jiġġieldu fi gwerer Ewropej?

Ir-risposta hija ċara. **Le. Malta, bħala membru fl-Unjoni Ewropea ma tkunx obbligata li tieħu sehem f'attivitajiet militari sakemm hija ma tkunx trid mod ieħor.** Jiġifieri, is-sehem ta' Malta f'attivitajiet militari ta' l-UE huwa wieħed volontarju u mhux impost. L-istati membri ta' l-UE jistgħu jekk iridu jieħdu sehem b'mod volontarju imma ma jistgħux ikunu mġiegħla jagħmlu dan.

## Huwa minnu li l-Unjoni Ewropea qed issir forza militari?

Bħalissa l-Unjoni Ewropea qed tiżviluppa politika barranija tagħha biex tkun tista' tagħti kontribut aktar effettiv għall-paċi u s-sigurta internazzjonali. Din il-politika barranija ta' l-UE hija msejsa fuq il-prinċipji taċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti. Biex tkun tista' tagħti dan il-kontribut, indipendentement mill-alleanza tan-Nato, l-UE trid li tkun tista' tniedi u tmexxi operazzjonijiet kemm militari kif ukoll mhux militari meta jinqalgħu kriżijiet internazzjonali.

## Xi tfisser meta l-Unjoni Ewropea qed tgħid li tagħti kontribut għall-paċi?

Il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea qablu li l-UE tieħu sehem biss f'operazzjonijiet umanitarji u ta' salvataġġ, f'operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi u biex tgħin ħalli tkun imrażżna xi kriżi internazzjonali. Fis-summit li sar f'Helsinki l-Finlandja f'Diċembru ta' l-1999, il-mexxejja tal-gvernijiet ta' l-UE qablu li huma bl-ebda mod ma jridu li jwaqqfu xi armata Ewropea għaliex ma jridux li jkun affarijiet dupplikati għal dak li qed tagħmel in-Nato.

## L-Unjoni Ewropea meta se tibda taħdem fiż-żamma tal-paċi?

Huwa mistenni li sas-sena 2003, il-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea se jkunu jistgħu jieħdu sehem, jekk ikunu jridu, f'operazzjonijiet immexxija mill-UE. Dan ikun ifisser li l-UE tkun kapaċi tibgħat fi żmien 60 ġurnata qawwa ta' bejn il-50,000 u s-60,000 suldat f'postijiet fejn tkun meħtieġa għajnuna għaż-żamma tal-paċi jew umanitarja. Din il-qawwa tkun tista' ddum sa sena.

## F'din il-qawwa, kull pajjiż membru ta' l-Unjoni Ewropea jrid jidħol fiha?

Le. Fis-summit ta' Cologne il-Ġermanja li sar f'Ġunju ta' l-1999, il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea kienu ddeċidew li kull pajjiż membru fl-UE għandu d-dritt li jagħżel jekk jieħux sehem jew le f'din il-qawwa ta' l-UE kull meta tqum xi kriżi.

## X'għamlu l-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea li huma newtrali?

Fl-Unjoni Ewropea hemm erba' pajjiżi membri li ilhom is-snin iħaddnu politika ta' newtralita. Dawn huma l-Awstrija, l-Irlanda, l-Isvezja u l-Finlandja. Fis-summit ta' Cologne f'Ġunju ta' l-1999, l-istati membri ta' l-UE qablu li l-politika barranija ta' l-Unjoni u twaqqif ta' qawwa ta' l-UE m'għandhom bl-ebda mod ibiddlu l-politika ta' newtralita li għandhom l-Awstrija, l-Irlanda, l-Isvezja u l-Finlandja. Terġa', f'Cologne il-mexxejja ta' l-UE qablu wkoll li l-alleanza tan-Nato tibqa' tieħu ħsieb materji marbuta mad-difiża kif għamlet s'issa.

Il-mexxejja Ewropej intrabtu wkoll li fid-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu dwar is-sigurta u d-difiża, il-pajjiżi membri kollha ta' l-UE jridu jkunu jaqblu. Jekk imqar wieħed jgħid le, allura dik id-deċiżjoni ma tgħaddix. Qablu wkoll li pajjiż membru jista' jastjeni milli jieħu sehem f'xi operazzjoni li tmexxi l-UE.

Fi kliem ieħor dan ifisser li ebda pajjiż membru ta' l-UE ma jista' jkun obbligat li jagħmel affarijiet li ma jkunx jixtieq jagħmel.

## X'jiġri fil-każ li Malta tidħol membru fl-Unjoni Ewropea?

Bis-saħħa ta' dak li kien miftiehem f'Cologne u anki f'Ħelsinki, Malta, ladarba trid iżżomm il-politika ta' newtralita, ikollha d-dritt, bħalma għandhom il-bqija tal-pajjiżi membri, li fejn ma tridx, ma tieħux sehem f'operazzjonijiet militari ta' l-UE.

Li pajjiż membru jżomm id-dritt li jiddeċiedi huwa fejn jidħlu kwistjonijiet ta' sigurta u politika barranija hija materja sensittiva ħafna. Tant hi sensittiva li l-pajjiżi ta' l-UE ma jridux li din il-materja titneħħa mil-lista ta' materji li jeħtieġu l-unanimita meta jiġu biex jiddeċiedu dwarha.



# 4. In-negozjati

## Kif isiru n-negozjati bejn Malta u l-Unjoni Ewropea?

In-negozjati bejn Malta u l-Unjoni Ewropea jsiru suġġett suġġett. B'kollox hemm 31 suġġett jew qasam li jrid jiġi negozjat. Dawn is-suġġetti jvarjaw minn edukazzjoni, biedja, ambjent għal politika barranija u l-industrija. Kull suġġett jew qasam għandu kapitlu iddedikat għalih fit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u hemm marbuta wkoll diversi liġijiet ma' kull qasam jew suġġett.

F'Marzu 2000 Malta bdiet tinnegozja fuq tmien oqsma jew kapitli. F'Lulju 2000 nfetħu disa' kapitli oħra u fil-bidu tas-sena 2001 għandhom jinfetħu l-bqija tal-kapitli. **Mill-ewwel 16-il kapitlu li nfetħu, Malta għalqet 12 minnhom matul is-sena 2000.**

## X'jiġifieri meta jingħad li Malta għalqet kapitlu fin-negozjati?

Meta jingħalaq kapitlu waqt in-negozjati ma' l-UE, dan ikun ifisser li l-15-il pajjiż membru ta' l-UE u Malta jkunu qablu dwar il-kundizzjonijiet li bihom Malta tkun se tissieħeb fl-UE f'dak il-qasam partikulari. Fil-prinċipju, il-kundizzjonijiet ta' sħubija li hemm f'kull kapitlu jfissru li Malta trid tkun f'qagħda li tadotta d-drittijiet u l-obbligi ta' l-istess UE meta tissieħeb fl-Unjoni. Dawn id-drittijiet u l-obbligi jissejħu l-Acquis Communautaire.

Kull meta Malta tikkonferma li hija kapaċi li tadotta l-Acquis, allura n-negozjati jingħalqu f'dak il-kapitlu partikulari. Fl-ewwel 12-il kapitlu li ngħalqu, Malta ma talbitx xi trattament speċjali. Jekk dawn il-kapitli jidhru li ngħalqu "malajar" dan mhux għaliex Malta hija konformi mija fil-mija mar-regoli ta' l-UE. Imma jfisser li Malta ikkommettiet ruħha biex tiġi konformi ma' l-UE sad-data li l-istess Malta iffissat, li hija l-1 ta' Jannar, 2003. Malta għamlet talbiet għal trattament speċjali f'ħamsa

mis-17-il kapitlu li fetħet għan-negozjati matul is-sena 2000. Dawn il-ħames kapitli huma dwar is-sajd, politika soċjali, politika dwar il-kompetizzjoni, it-trasport u l-moviment ħieles ta' kapital (jiġifieri x-xiri ta' proprjeta f'Malta mill-barranin).

## Xi thejjija tkun saret qabel in-negozjati?

Biex tersaq għan-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea, Malta trid tkun hejjiet sewwa l-pożizzjonijiet tagħha fuq kull suġġett. Dan ifisser ħafna xogħol li jieħu x-xhur ferm qabel ma beda fl-1999 dak li jissejjaħ il-proċess ta' screening. Dan il-proċess kien ifisser li Malta u l-UE jaraw il-liġijiet ta' xulxin u jsibu fejn jaqblu u fejn ma jaqblux. Dan isir għal kull kapitlu jew suġġett. Ix-xogħol għal qabel, waqt u wara l-iscreening kien jinvolvi mijiet ta' ħaddiema fis-Servizz Pubbliku Malti.

## Ladarba ngħalqu, il-kapitli jerġgħu jinfetħu?

Meta jingħad li kapitlu jkun ingħalaq, dan ikun ingħalaq proviżorjament. Dan ifisser li n-negozjati dwar dak il-kapitlu magħluq jistgħu jerġgħu jinfetħu. Dan il-ftuħ mill-ġdid jista' jsir għaliex per eżempju tkun daħlet liġi ġdida fl-UE f'dak il-qasam qabel ma' Malta tissieħeb fl-UE. **Dan kollu jfisser li n-negozjati fuq il-kapitli kollha jingħalqu għal kollox hekk kif ikun hemm qbil finali fuq kollox.**

Se jkun hemm kapitli li fihom Malta se titlob konċessjonijiet speċjali u huwa hawnhekk li n-negozjati jsiru iebsin. L-esperjenza f'pajjiżi oħra turi li fin-negozjati għal sħubija fl-UE dwar l-iktar punti diffiċli, il-ftehim jintlaħaq fl-aħħar ġranet tan-negozjati.

# 5. L-eta tal-pensjoni

## Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, l-eta tal-pensjoni f'Malta tiżdied għal 65 sena?

**Le. M'hemm l-ebda liġi fl-Unjoni Ewropea li tobbliga lill-pajjiżi membri biex l-eta tal-pensjoni jtellgħuha għal 65 sena jew inqas.** Din hija xi ħaġa li dwarha jiddeċiedi l-gvern tal-pajjiż, fil-każ ta' Malta, il-Gvern Malti, irrispettivament jekk Malta tidħolx fl-UE jew le.

L-UE tidħol biss fejn ikunu jriduha tidħol il-pajjiżi membri. Fil-każ ta' l-eta tal-pensjoni, il-pajjiżi membri ta' l-UE ma jridux li l-Unjoni tindaħal fiha.



Anki fejn tidħol is-sigurta soċjali tal-ħaddiema, l-UE taġixxi biss jekk ikun hemm proposta li dwarha jkunu qablu l-pajjiżi membri kollħa ta' l-UE. Ir-raġuni għal dan hija għax kull stat membru ta' l-UE jqis dan il-qasam tas-sigurta soċjali bħala qasam nazzjonali sensittiv u għalhekk kull gvern irid li jkollu kontroll sħiħ fuq x'jiġri fit-territorju tiegħu.

It-Trattat ta' l-UE jillimita azzjoni ta' l-Unjoni f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-poter esklussiv tagħha. Artiklu 5 tat-Trattat jgħid li kull azzjoni mill-UE trid issir b'rispett lejn il-prinċipju tas-sussidjarjeta. Dan il-prinċipju jfisser li l-UE ma tistax tindaħal f'oqsma li jistgħu faċilment jitmexxew direttament mill-istati membri f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

## Hemm xi eċċezzjonijiet għal dan?

**Iva. L-unika eċċezzjoni hija għall-benefiċċji tas-sigurta soċjali li jkollhom dritt għalihom dawk il-ħaddiema li jmorru barra pajjiżhom biex jaħdmu f'pajjiż ieħor membru fl-Unjoni Ewropea.** F'dan il-każ, l-UE fasslet liġijiet apposta biex tassigura li l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema ċittadini ta' l-Unjoni li jmorru jaħdmu f'pajjiż ieħor ta' l-UE.

## B'liema mod l-Unjoni Ewropea tħares id-drittijiet tal-ħaddiema li jaħdmu barra pajjiżhom?

Il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea tgħid li dawk il-ħaddiema li huma ċittadini ta' l-UE u li jqattgħu xi żmien jaħdmu f'xi pajjiż ieħor membru ta' l-Unjoni, jibqa' jkollhom dritt għall-benefiċċji soċjali mill-pajjiż fejn imorru joqogħdu jew minn pajjiżhom stess skond il-każ. Fil-każ ta' Malta, il-Gvern Malti diġa għandu ftehim simili ma' xi pajjiżi dwar hekk fosthom mar-Renju Unit. Hekk kif Malta tidħol membru fl-UE, dan id-dritt ikun estiż għall-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni.

## Ladarba l-Unjoni Ewropea ma tispeċifikax eta tal-pensjoni, x'jagħmlu l-pajjiżi membri?

Għalkemm l-Unjoni Ewropea m'għandha ebda liġi li tistabbilixxi l-eta tal-pensjoni, hemm pajjiżi, kemm li huma membri fl-UE u kemm dawk li mhumiex, li qed iqajmu dibattitu nazzjonali dwar kemm il-gvern jiflaħ isostni l-pensjonijiet għal tul ta' żmien. Fi kliem ieħor, qed jiddiskutu dwar jekk il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni humiex se jkunu jistgħu jsostnu l-pensjonijiet li jkunu se jirċievu meta jirtiraw mix-xogħol. Hemm min qed isejjaħ din il-problema bħala l-bomba tal-ħin tal-pensjonijiet.

Waħda mill-għażliet li qed tissemma bħala soluzzjoni għal din il-problema hija ż-żieda fl-eta tal-pensjoni speċjalment meta jkun ikkunsidrat il-ħajja itwal li qed jgħix il-bniedem illum. Diġa hemm pajjiżi Ewropej li ħadu din l-għażla u f'ħafna każijiet għollew l-eta tal-pensjoni għal 65 sena. Anki l-istess UE għandha rapporti li jheġġu dan. Madankollu, m'hemm ebda liġi fl-UE li tobbliga lill-pajjiżi membri biex jgħollu l-eta tal-pensjoni. Dan ma jfissirx, li pajjiż bħal Malta m'għandux jipprova jsolvi l-problema tal-pensjonijiet li se jkollu fil-ġejjieni. Iżda din mhix ħaġa li trid issir minħabba l-UE.

# 6. L-Abort

## Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, Malta jkollha tillegalizza l-abort?

**Le. Assolutament le. L-Unjoni Ewropea m'għandha ebda liġijiet dwar l-abort u lanqas m'għandha l-jedd li tagħmel liġijiet dwar l-abort. Jekk pajjiż idaħħalx l-abort jew le hija xi ħaġa li jiddeċidiha l-pajjiż innifsu mingħajr ebda ndħil mill-UE.**

Lanqas huwa possibbli li tobba barranin joffru servizzi ta' abort f'Malta bl-iskuża tal-prinċipju li tħaddan l-UE li persuna tista' tmur taħdem f'liema pajjiż trid fl-UE u toffri s-servizzi li trid, fosthom l-abort. Dan ma jistax isir għaliex is-servizzi kollha li toffri persuna f'pajjiż ta' l-Unjoni jridu jkunu konformi mal-liġijiet ta' dak il-pajjiż fejn tmur.

Fil-każ ta' Malta, ladarba l-abort huwa illegali, allura ħadd mill-UE ma jista' jiġi hawn Malta jwettaq l-abort anki jekk Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

## Fl-Unjoni Ewropea hemm xi pajjiż bħal Malta li l-abort huwa meqjus illegali?

L-uniku pajjiż fl-Unjoni Ewropea fejn l-abort għadu illegali bħal Malta, huwa l-Irlanda. Dan huwa pajjiż, li bħal Malta, għandu tradizzjoni qawwija Nisranija.

Minn żmien għal żmien fl-Irlanda kien hemm drabi meta saru sforzi biex jiddaħħal l-abort u saħansitra kien hemm min uża l-iskuża ta' sħubija fl-UE biex jipprova jiġġustifika d-dħul ta' l-abort.

Fl-1992, l-Irlanda iċċarat il-pożizzjoni tagħha dwar l-abort fil-kuntest ta' l-Unjoni Ewropea. Waqt in-negozjati fuq it-Trattat ta' Maastricht dwar l-UE, l-Irlanda innegozjat biex mat-Trattat jinhemeż protokoll li speċifikament jipproteġi l-klawsola li l-istess Irlanda għandha fil-Kostituzzjoni tagħha apposta kontra l-abort.

F'referendum li sar fl-1992, il-poplu Irlandiż approva din id-dikjarazzjoni imma xorta ma aċċettax li tkun illaxkata l-pożizzjoni ta' l-Irlanda kontra l-abort. Fl-1995, fl-Irlanda għaddiet liġi li tagħti dritt għall-informazzjoni dwar l-abort.

Il-Gvern Irlandiż kemm-il darba jiltaqa' ma' pressjoni kemm minn membri fil-Parlament Ewropew u anki minn bnadi oħra biex jillaxka l-liġijiet dwar l-abort. Iżda l-Gvern Irlandiż dejjem saħaq li d-deċiżjonijiet dwar l-abort huma esklussivament materja għall-pajjiżi individwali u mhux għall-Unjoni Ewropea. **Għalhekk l-abort fl-Irlanda għadu strettament illegali. L-Irlanda ilha membru ta' l-UE sa mill-1973.**

# 7. Il-ħinijiet tax-xogħol

## L-Unjoni Ewropea tirregola l-ħin tax-xogħol, jiġifieri, l-għadd ta' siegħat li ħaddiem jaħdem kuljum jew kull ġimgħa?

L-Unjoni Ewropea tirregola l-ħinijiet tax-xogħol permezz ta' liġi speċifika magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, jew il-Working Time Directive. L-għan tal-liġi huwa li tħares is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol. Dan ifisser li s-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol m'għandhomx jitqiegħdu fil-periklu jew f'riskju minħabba ħinijiet twal ta' xogħol sew bi nhar u sew bil-lejl. Għalhekk, id-Direttiva ta' l-UE tgħid li, bħala medja, il-ħin ta' xogħol għal ġimgħa sħiħa ta' sebat ijiem, m'għandux jaqbeż it-48 siegħa, inkluż is-sahra.



Importanti li jingħad, pero, li **dan il-limitu ta' 48 siegħa ma jfissirx li min jagħżel li jaħdem aktar minn 48 siegħa, ma jistax. Iżda tfisser li l-ebda ħaddiem ma jkun jista' jiġi mġiegħel jaħdem għal aktar minn 48 siegħa.** B'hekk id-differenza hi li din il-liġi tagħti għażla lill-ħaddiema li jekk ma jixtiequx jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa, jistgħu jagħmlu dan mingħajr ma min iħaddimhom jieħu azzjoni kontra tagħhom minħabba din l-għażla.

Tajjeb li jingħad ukoll li din il-liġi tħalli lok għal ħafna flessibilita billi tipprovdi eżenzjoni għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema fosthom dawk li huma fi grad ta' executive jew dawk li jagħmlu xogħol fil-familja. Id-Direttiva saħansitra tagħti wkoll eżenzjoni sħiħa minn ċerti provvedimenti tagħha. Dan allura jfisser li hemm iċ-ċans li pajjiż membru japplika il-prinċipju ta' 48 siegħa xogħol b'ċertu flessibilta.

## Jiġifieri fl-Unjoni Ewropea jista' jkun hemm pajjiżi li huma membri li ma japplikawx il-ġimgħa ta' 48 siegħa?

Iva, sakemm il-ħaddiema jkunu jaqblu li jaħdmu siegħat itwal u li dan ma jkunx impost fuqhom u li ma jkunux ta' ħsara għalihom jew għal ħaddiema oħra fuq il-post tax-xogħol. Fi kliem ieħor, il-ħaddiema jistgħu jagħżlu jaħdmu siegħat itwal basta ma jkunux obbligati li jagħmlu dan bilfors.

Meta l-ħaddiema jaċċettaw li jaħdmu siegħat itwal, iridu joqogħdu attenti li meta jagħmlu dan ma jkunux qed jipperikolaw is-saħħa u s-sigurta tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Jekk imbagħad ikun hemm ħaddiema li jirrifjutaw li jaħdmu aktar minn 48 siegħa, dawn m'għandhomx ikunu penalizzati għall-għażla tagħhom.

## Iżda hemm ċerti xogħlijiet li fihom il-ħaddiem ikollu jaqbeż it-48 siegħa f'ċerti ġimgħat minħabba x-xift jew minħabba n-natura stess tax-xogħol?

Iva. Minħabba n-natura ta' xogħlijiet differenti, din il-liġi ħasbet biex il-ġimgħa ta' 48 siegħa taħdimha fuq medda ta' erba' xhur biex tagħmel tajjeb għal dawk il-ħaddiema li f'xi ġimgħat jaħdmu iktar minn hekk, u f'xi ġimgħat ta' wara jaħdmu inqas minn 48 siegħa. Per eżempju, ħaddiema li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu ħafna drabi jkollhom ħafna xogħol fis-sajf u fix-xitwa x-xogħol jista' jonqos.

## Id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-siegħat tax-xogħol tkopri ħwejjeġ oħra, bħal break, leave u affarijiet bħal dawn?

Iva. Id-Direttiva tgħid ukoll li l-ħaddiem għandu jingħata mill-inqas 11-il siegħa biex jistrieħ għal kull ġurnata xogħol li jagħmel. Id-Direttiva tesiġi wkoll li l-ħaddiem għandu jkollu żmien fil-ġimgħa biex jistrieħ, leave annwali u anki tidħol f'kemm għandu jkun twil ix-xift ta' bil-lejl. Iżda anki hawn id-direttiva ssemmi diversi eċċezzjonijiet.

Id-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol kienet daħlet fis-seħħ fl-1993 u dakinhar kienet qajmet kontroversja kbira l-aktar għax il-Gvern Ingliż kien sfida lill-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar kemm kienet valida din id-Direttiva. Minkejja din l-isfida, id-Direttiva baqgħet fis-seħħ għaliex ir-Renju Unit tilef il-kawża.

Issa li qed jiġri huwa li qed isiru sforzi biex id-Direttiva tkun estiża għal setturi li għall-bidu ma kienux imsemmija bħal per eżempju għall-ħaddiema li jaħdmu fit-trasport u anki għat-tobba li jkunu għadhom kif laħqu. Sa llum dawn it-tip ta' ħaddiema setgħu jkunu mġiegħla jaħdmu għal numru ferm twil ta' siegħat bla ebda kontroll ta' xejn. Naturalment, dan iġib miegħu ċerti riskji. Igur, per eżempju, li mhux fl-interess tal-pajzenti fl-isptar li t-tabib li jarahom ikun mifni bis-siegħat twal ta' xogħol li jaħdem. Bl-istess mod, lanqas m'huwa

tajjeb għall-passiġġieri jekk il-ħaddiema fuq vapuri jaħdmu siegħat esaġerati.

## Kif inhi s-sitwazzjoni hawn Malta?

Sa issa f'Malta nistgħu ngħidu li diġa għandna l-ġimgħa ta' 40 siegħa. Il-liġi Maltija tgħid kważi l-istess affarijiet bħalma tgħid id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar kemm il-ħaddiem għandu jingħata żmien ta' mistrieħ bi dritt. Madankollu, dwar jekk Malta hux se timxi biex iddaħħal l-idea ta' ġimgħa ta' 48 siegħa xogħol, li tinkludi s-sahra għal min jagħżel li ma jaħdimx aktar siegħat, din hija kwistjoni li għad mhix deċiża. Jidher li hemm min fost il-komunita kummerċjali li jibża' li jsibha diffiċli jsib ħaddiema li jaċċettaw li jagħmlu sahra f'każ ta' bżonn. Minħabba f'hekk, Malta qed titlob fin-negozjati żmien itwal qabel iddaħħal din il-liġi b'mod sħiħ biex tagħti ċans lil dawn il-kumpaniji jaddattaw.

# 8. Is-sigurta soċjali

## Fl-Unjoni Ewropea hemm sistema waħda għas-sigurta soċjali? Is-sħubija ta' Malta fl-UE se tkun tfisser li pajjiżna jkollu jbiddel is-sistema tal-benefiċċji soċjali li għandu bħalissa?

**Fl-Unjoni Ewropea m'hemmx sistema waħda ta' sigurta soċjali. Kull pajjiż membru fl-UE għandu s-sistema tiegħu. Ma kien hemm ebda sforz biex fl-UE jkun hemm sistema waħda Ewropea biex tieħu post dik li jħaddmu l-pajjiżi differenti.** Dan ifisser allura li kull pajjiż fl-UE jiddeċiedi huwa x'sistema juża ta' benefiċċji soċjali u **għalhekk Malta, hekk kif tissieħeb, ma jkollhiex għalfejn tbiddel is-sistema tagħha tas-sigurta soċjali.**

## Jiġifieri anki fil-benefiċċji soċjali, Malta tibqa' tiddeċiedi hija dwarhom?

Iva. Kull pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea jiddeċiedi huwa x'benefiċċji soċjali jagħti, u mhux l-UE. Jekk inħarsu lejn il-pajjiżi membri fl-UE nsibu li s-sistemi ta' sigurta soċjali u benefiċċji soċjali huma ħafna differenti minn xulxin. Jiġifieri pensjonant fi Franza ma jieħux l-istess pensjoni bħal pensjonant Taljan. Ħaddiem bla xogħol fil-Belġju ma jieħux l-istess benefiċċji bħal ħaddiem bla xogħol fil-Ġermanja. Kull pajjiż għandu s-sistema tiegħu bħalma għandha Malta.

## Allura m'hemm xejn fejn tidħol l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam?

L-Unjoni Ewropea tidħol biss fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej meta dawn jitilqu minn pajjiżhom u jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor membru fl-istess UE. Kulma tagħmel l-UE hija li tassigura li l-pajjiżi membri jkollhom is-sistemi tas-sigurta soċjali tagħhom li jkunu jistgħu jgħinu lil dawk iċ-ċittadini minn pajjiżi oħra membri fl-UE f'każ li

tinqalagħlhom xi ħaġa. Jiġifieri, jekk Franċiż mar f'pajjiż ieħor membru bħalma hija l-Finlandja, l-UE tassigura li l-Finlandja tgħin lill-Franċiż bil-benefiċċji soċjali f'każ li dan tinqalagħlu xi ħaġa. L-UE tagħmel dan għaliex hija temmen li ebda ċittadin Ewropew m'għandu jsib xi ostaklu li jxekklu milli jmur f'pajjiż ieħor membru ta' l-Unjoni.

## Jiġifieri jekk ħaddiem Taljan imur jaħdem fil-Ġermanja, dan igawdi mill-benefiċċji soċjali li għandhom il-Ġermaniżi?

Iva. Jekk ħaddiem jitlaq minn pajjiżu u jmur pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea, dan il-ħaddiem jidħol fis-sistema tas-sigurta soċjali ta' dak il-pajjiż li jkun mar jaħdem fih. Dan japplika għall-benefiċċji soċjali kważi kollha nklużi l-benefiċċji marbuta mal-qgħad, mard, maternita u invalidita. Ma japplikax iżda għal assistenza soċjali jew medika li tingħata biss b'means-testing. Wara kollox, dan il-ħaddiem ikun qed jikkontribwixxi fil-Ġermanja kemm għall-kontribuzzjoni tas-sigurta soċjali, kif ukoll permezz tat-taxxa fuq il-qliegħ li jkun qed iħallas bħala ħaddiem f'dak il-pajjiż.

Ta' min iżid ukoll li kull benefiċċju soċjali li jkun inkiseb minn ħaddiem f'pajjiż jibqgħu jgħoddu meta dan il-ħaddiem imur f'pajjiż ieħor biex jirtira. Dawn id-drittijiet jiġu akkumulati. Dan ifisser li jekk, ngħidu aħna, persuna tkun ħadmet fi tliet pajjiżi ta' l-UE qabel irtirat, hija tkun intitolata għal tliet porzjonijiet ta' pensjoni minn kull pajjiż fejn ħadmet u f'kull każ il-porzjon tal-pensjoni jkun irid jitħallas mingħajr tnaqqis.

Dawn id-drittijiet huma mħarsa mil-liġi ta' l-UE. **Bħala riżultat ta' dawn id-drittijiet, persuna m'għandhiex tkun ittrattata b'mod differenti u m'għandhiex titlef drittijiet ta' sigurta soċjali sempliċement għaliex tkun għażlet li tmur taħdem f'pajjiż ieħor ta' l-Unjoni.**

# 9. Il-kura fl-isptar barra minn Malta

## Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea taffettwa b'xi mod il-kura li Maltin jistgħu jieħdu fi sptarijiet barranin?

Dan **ikun jiddependi mis-sitwazzjoni li wieħed ikun fiha.** Per eżempju, jekk wieħed ikun imsiefer bħala turist f'xi pajjiż membru ta' l-Unjoni Ewropea u jkollu inċident li minħabba fih jiddaħħal l-isptar. F'dak il-każ, ikun jista' jingħata l-istess kura bħallikieku kien ċittadin ta' dak il-pajjiż fejn ġralu l-inċident. **Dan il-benefiċċju jgħodd biss, iżda, għal dawk l-inċidenti fejn dak li jkun ikollu bżonn kura immedjata.** Mard li ma jkunx jeħtieġ kura urġenti ma jintitolax lil dak li jkun biex jingħata kura fi sptar barrani bħallikieku kien ċittadin ta' dak il-pajjiż. Dawn id-drittijiet joħorġu għax dik il-persuna li tkun qed tivvjaġġa tkun ċittadina ta' pajjiż ta' l-UE.



## X'jiġri jekk pensjonant ikun imsiefer għal vaganza u jkollu bżonn imur l-isptar?

Jekk **pensjonant** ikun mar vaganza f'pajjiż ta' l-Unjoni Ewropea jkollu dritt li jingħata l-kura kollha meħtieġa, jiġifieri kemm kura urġenti u kemm kura għal mard li ma jenħtieġx intervent ta' malajr. Dan ifisser, allura, li l-pensjonanti Maltin li jsiefru għal vaganza u tinqalagħlhom xi ħaġa waqt is-safar jistgħu jingħataw kura l-isptar, anki jekk din ma tkunx ta' natura urġenti. Naturalment dan jgħodd f'każ li Malta tkun membru ta' l-UE.

## Dan jgħodd ukoll għal barranin li jiġu Malta?

Iva. Ċittadini anzjani li jiġu Malta għal vaganza minn pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea jkollhom id-dritt li jingħataw kura fl-isptarijiet Maltin, sew jekk il-każ tagħhom ikun urġenti u sew jekk le.

X'jiġri jekk, wara sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, pazjent Malti jkun jixtieq li jmur għal kura fi sptar barra l-pajjiż flok fi sptar f'Malta? Jista' jmur barra u jingħata kura bla ħlas?

Le. Dan ma jistax isir, ħlief jekk il-pazjent ikun awtorizzat speċifikament mill-awtoritajiet Maltin tas-saħħa biex imur barra għall-kura. Normalment ebda pazjent ma jingħata din l-awtorizzazzjoni biex imur barra għall-kura jekk kemm-il darba l-isptarijiet Maltin joffru din l-istess kura. Dan kollu jfisser allura li **ebda pazjent Malti m'għandu d-dritt awtomatiku li jmur għal kura barra Malta sempliċement għax jippreferi kura barra minn Malta.** L-istess jgħodd għal pazjenti ċittadini ta' pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea li jkunu jridu jiġu Malta għall-kura.

Jista' jinqala' l-każ li avolja l-kura tkun offruta mill-isptarijiet Maltin, l-awtoritajiet Maltin tas-saħħa joħorġu l-permess biex pazjent imur barra għall-kura minħabba li l-kura f'Malta ma tkunx tista' tingħata malajr.

## U jekk pazjent Malti jkollu bżonn ta' xi prodott mediku, bħal nuċċali minn xi pajjiż fl-Unjoni Ewropea jew inkella xi servizz mediku bħal kura tas-snien, x'jiġri?

Dwar dan kien hemm kawżi li dehru quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-Qorti ddeċidiet li pazjent għandu d-dritt li jikseb prodott jew servizz mediku minn fejn irid, sew minn pajjiżu u sew minn xi pajjiż ieħor ta' l-Unjoni Ewropea. Dan japplika jekk il-pazjent ikollu dritt għal dan il-prodott jew servizz f'pajjiżu stess. F'dan il-każ, il-pazjent ikun jista' jikseb il-prodott u servizz, bħal per eżempju nuċċali ġdid - minn barra pajjiżu u għandu wkoll id-dritt li jitlob il-ħlas lura ta' l-ispejjeż li jkun għamel meta jirritorna f'pajjiżu. Il-Qorti, iżda, għamlitha ċara wkoll, li f'każ li jintalab ħlas lura, **dan id-dritt jista' jkun ristrett jekk kemm-il darba l-ħlas jispiċċa jkun mhux raġunevoli tant li joħloq piż finanzjarju fuq is-sistema tas-sigurta nazzjonali jew sistemi ta' kura tas-saħħa.**

# 10. Il-punti jaħarqu tan-negozjati

## Fuqhiex qed jiffukaw in-negozjati ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea?

Il-mistoqsija dwar fejn qed jiffukaw in-negozjati hija waħda komuni ħafna. Għadha teżisti l-impressjoni li n-negozjati qed isiru b'segretezza kbira. Fir-realta, iżda, kien hemm għadd ta' okkażjonijiet fejn personalitajiet pubbliċi f'karigi għolja elenkaw l-oqsma prinċipali li fihom Malta se tisħaq dwar il-pożizzjoni tagħha matul in-negozjati.

## Liema huma dawn l-oqsma?

Hemm numru ta' oqsma fejn Malta se titlob arranġamenti speċjali. Madankollu, wieħed jista' jgħid li hemm erba' oqsma ewlenin li dwarhom Malta se tisħaq ili tingħata kundizzjonijiet speċjali għal sħubija.

**L-ewwel qasam huwa dak tat-tarznari.** F'dan il-qasam Malta se tinnegozja għal arranġament speċjali biex tassigura li l-livell ta' sussidji ma jitnaqqasx drastikament ma' sħubija imma jitnaqqas ftit ftit fuq firxa ta' snin sakemm jitwassal għal livelli sostenibbli u li huma permissibbli taħt il-liġijiet ta' l-UE.

Fil-gazzetti Maltin diġa kien rappurtat li Malta se titlob perjodu ta' transizzjoni li jwassal għal 2010. Jekk din it-talba tkun aċċettata fin-negozjati, allura Malta tingħata 10 snin ċans biex tkun tista' ssolvi din il-kwistjoni u twassal din l-industrija antika u importanti tat-tarznari biex tkun kummerċjalment vijabbli.

## Huwa minnu li Malta se titlob perjodi ta' transizzjoni fil-qasam ta' l-ambjent?

Iva. **Malta se titlob perjodi ta' transizzjoni** biex tingħata aktar ċans ħalli tkun tista' ddaħħal l-istandards kollha ta' l-Unjoni Ewropea

**fil-qasam ta' l-ambjent.** L-istandards ta' l-UE jvarjaw minn kif ikun ikkontrollat l-iskart fosthom il-miżbla tal-Magħtab u r-rimi tad-dranaġġ għal kwalita ta' l-ilma tax-xorb u l-ilma baħar. Madankollu, mhux se jintalab żmien transitorju fuq kull qasam ta' l-ambjent iżda biss f'uħud.

M'hemmx dubju li l-istandards li għandha l-UE għall-ħarsien ta' l-ambjent huma għoljin ferm u li kull Malti, hi x'inhi l-opinjoni politika tiegħu, jixtieq jara li f'pajjiżna jkun hawn l-istess livell ta' standards. Iżda biex Malta tilħaq dawn l-istandards ma tiddependix biss mir-rieda politika imma wkoll minn sforz sostanzjali li jrid isir permezz ta' investiment kapitali u t-taħriġ ta' ħaddiema għal dan ix-xogħol. Li hu żgur huwa li Malta ma tistax tilħaq dawn l-istandards sad-data ta' l-1 ta' Jannar, 2003 li hija stess iffissat biex tkun lesta għal sħubija fl-UE. Għalhekk, Malta trid tinnegozja biex tingħata żmien itwal ħalli tilħaq l-istandards ta' l-UE fil-ħarsien ta' l-ambjent.

## X'oqsma oħra hemm fejn Malta se tinnegozja arranġamenti speċjali?

**Hemm il-biedja li fiha Malta trid li tikseb pakkett speċifiku.** Dan irid jinkiseb direttament fin-negozjati. Id-daqs ta' pajjiżna u l-importanza kbira li tingħata lill-biedja se jkunu fost l-argumenti li Malta se tibbaża t-talbiet tagħha.

**Ir-raba' qasam li fih Malta trid tinnegozja arranġament speċjali huwa dak dwar ix-xiri ta' proprjeta f'Malta minn barranin.** Malta qed tgħid li għandu jkun hemm xi restrizzjonijiet fuq ix-xiri ta' proprjeta f'Malta minn barranin li jkunu ċittadini ta' l-UE. Malta qed trid iżżomm ċerti restrizzjonijiet li tqis li huma meħtieġa għal raġunijiet soċjali u anki minħabba li d-densita tal-popolazzjoni f'Malta hija għolja ferm.

Hemm oqsma oħra li fihom Malta se tagħmel talbiet speċifiċi waqt in-negozjati. Fost dawn hemm is-sajd u anki xi aspetti mill-politika soċjali, trasport u oħrajn. Iżda l-erba' punti l-aktar jaħarqu huma dawk

tat-tarznari, tal-biedja, ta' l-ambjent u tax-xiri ta' proprjeta li semmejna hawn fuq. Naturalment, wieħed ikun irid jistenna r-riżultat tan-negozjati biex isir magħruf jekk u kemm dawn it-talbiet ikunu intlaqgħhu. Ladarba jintemmu n-negozjati, il-pubbliku se jkun infurmat dwar il-kundizzjonijiet li jkunu nkisbu.

## X'differenza hemm bejn perjodu ta' transizzjoni u deroga?

**Talba għal perjodu ta' transizzjoni** tfisser li pajjiż kandidat ikun qed jitlob għal perjodu itwal ta' żmien biex ikun jista' jwettaq xi regoli ta' l-Unjoni Ewropea. Dan iż-żmien ta' transizzjoni jmur lil hinn mid-data tas-sħubija fl-UE. Per eżempju, perjodu ta' transizzjoni ta' ħames snin ifisser li l-pajjiż ikollu bżonn ħames snin iktar wara d-data tas-sħubija biex ikun jista' jiġi jaqbel ma' l-istandards jew liġijiet ta' l-UE f'dak il-qasam partikulari. Wara li jiskadi ż-żmien ta' transizzjoni, ikun mistenni li dak il-pajjiż jiġi jaqbel mal-bqija tal-pajjiżi l-oħra membri ta' l-UE.

## Allura l-Unjoni Ewropea taċċetta mill-ewwel li tagħti dawn il-perjodi ta' transizzjoni?

Fit-tfassil ta' liġijiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea hija komuni li jkun hemm każijiet ta' perjodi ta' transizzjoni li fihom xi pajjiżi membri jingħataw aktar żmien biex jaddattaw ruħhom. Iżda, fin-negozjati li għaddejjin bħalissa, l-UE għamlitha ċara mal-pajjiżi kandidati li talbiet għal perjodi ta' transizzjoni għandhom ikunu eċċezzjoni u mhux ir-regola. Sa issa kienu ftit dawk it-talbiet għal żmien ta' transizzjoni li kienu aċċettati. Iżda l-pressjoni fuq l-UE issa qed tiżdied biex taċċetta iktar talbiet għal żmien ta' transizzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li titratta dawn it-talbiet bejn l-2001 u l-ewwel nofs tas-sena 2002 biex jintlaħaq qbil.

## Xi tkun deroga?

**Deroga** tfisser li pajjiż ikun qed jitlob lill-Unjoni Ewropea biex ma japplikax xi miżura jew liġi partikulari ta' l-Unjoni. Fi kliem ieħor, b'deroga pajjiż kandidat ikun qed jitlob li liġi partikulari, filwaqt li tapplika għall-bqija tal-pajjiżi membri, ma tapplikax għalih. Fl-UE kien hemm każijiet li fihom pajjiż membru ngħata deroga imma dawn kienu każijiet eċċezzjonali ferm. Meta dawn id-derogi jingħataw, ikunu limitati għal oqsma ta' interess nazzjonali vitali għall-pajjiż li jkun talab id-deroga.

